

## (2) It-tieni motiv

- Il-Kummissjoni Ewropea wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi naqqset dazji antidumping bħala spiża fil-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni u b'hekk naqqset milli tistabbilixxi marġni ta' dumping affidabbli għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti korretti ta' rimbors antidumping, u billi għamlet hekk hija kisret l-Artikoli 2(9), 2(11) u 11(10) tar-Regolament Bażiku dwar l-Antidumping.

## (3) It-tielet motiv

- Il-Kummissjoni Ewropea naqqset milli tinforma lir-rikorrenti bir-ekwiżiti neċessarji sabiex l-Artikolu 11(10) tar-Regolament Bażiku dwar l-Antidumping jiġi sodisfatt fil-pront u b'mod adegwat u b'hekk hija kisret id-drittijiet ta' difiża tagħha, kif ukoll il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba stabbilit fid-dritt tal-UE u msemmi fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## (4) Ir-raba' motiv

- Bħala riżultat tal-okkorrenzi ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni hawn fuq imsemmija, il-Kummissjoni Ewropea żammet b'mod illegali xi ammonti addizzjonali ta' rimborsi ta' dazji antidumping tal-UE li kienu leġittimament dovuti lir-rikorrenti.

(<sup>1</sup>) ĠU L 81, 20.03.2008, p. 1.

(<sup>2</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51)

### Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2012 — Beco vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-81/12)

(2012/C 118/50)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

#### Partijiet

Rikorrenti: Beco Metallteile-Handels GmbH (Spaichingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Pfeiffer, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2011 fil-Każ C(2011) 9112 finali u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni li t-talba tagħha għar-rimbors tad-dazju antidumping, li ġiet miċħuda bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2011, kuntrarjament għall-opinjoni tal-Kummissjoni, ġiet ippreżentata fit-terminu stabbilit u għalhekk kienet ammissibbli.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tindika li t-talba ġiet ippreżentata fit-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 11(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (<sup>1</sup>). Skont din id-dispożizzjoni, it-talba għal rimbors tippresupponi li l-applikant ikun ħallas id-dazju stabbilit. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, it-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 11(8) tar-Regolament Nru 384/96 ma jistax jiskadi qabel ma t-talba għal rimbors tkun ammissibbli.

Mill-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-ħlas lura ta' dazji antidumping, tad-29 ta' Mejju 2002, (<sup>2</sup>) jirriżulta wkoll li “[a]pplikazzjonijiet jistgħu jitressqu biss fir-rigward ta' transazzjonijiet li għalihom id-dazji anti-dumping tħallsu kollha” [punt 2.1(b) tal-Avviż]. Skont ir-rikorrenti, dan l-avviż jipprovdni ukoll espliċitament li huwa biss l-importatur li “jista' juri li ħallas dazji antidumping, kemm direttament kif ukoll indirettament, għal importazzjoni speċifika” li jista' jitlob rimbors [punt 2.2(a) tal-Avviż].

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li d-deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2011 tippreġudika l-aspettattivi leġittimi li hija seta' jkollha abbażi tal-Avviż tal-Kummissjoni tad-29 ta' Mejju 2001 u tikser il-prinċipju ta' *bona fide*.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti tilmenta li d-deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2011 tikser il-prinċipju ta' ċertezza legali.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45)

(<sup>2</sup>) Avviż tal-Kummissjoni, tad-29 ta' Mejju 2002, dwar il-ħlas lura ta' dazji anti-dumping (ĠU C 179, 16.07.2008)

### Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2012 — Chico's Brands Investments vs UASI — Artsana (CHICO'S)

(Kawża T-83/12)

(2012/C 118/51)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Chico's Brands Investments, Inc. (Fort Myers, l-Istati Uniti) (rappreżentant: T. Holman, solicitor)